

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 — Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV, Akzo Nobel Functional Chemicals BV vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-97/08 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Artikolu 81(1) KE — Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE — Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Grupp ta' impriżi — Imputabbiltà tal-ksur — Responsabbiltà tal-kumpannija parent għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mwettaq mill-kumpanniji sussidjarji tagħha — Influwenza deċiżiva eżerċitata mill-kumpannija parent — Preżunzjoni juris tantum fil-każ ta' proprjetà tal-ishma kollha)

(2009/C 267/28)

Lingwa tal-proċedura: L-Ingliż

## Partijiet

Appellant: Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV, Akzo Nobel Functional Chemicals BV (rappreżentanti: C. Swaak, M. van der Woude u M. Mollica, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: X. Lewis u F. Castillo de la Torre, aġenti)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Diċembru 2007, fil-Kawża T-112/05, Akzo Nobel NV et vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li tiċħad talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/566/KE tad-9 ta' Diċembru 2004 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-2/37.533 — Klorur tal-kolin) (ĠU L 190, p. 22), fir-rigward ta' numru ta' ftehim u ta' prattiki miftehma li kienu jirrigwardaw l-iffissar tal-prezzijiet, it-tqassim tas-swieq u azzjonijiet miftehma kontra l-kompetituri fis-suq Ewropew tal-klorur tal-kolin — Kunċett ta' "impriża" fis-sens tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud
- 2) Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV huma kkundannati għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-100/08) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikoli 28 KE u 30 KE — Protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi — Leġiżlazzjoni dwar iż-żamma u l-kummerċjalizzazzjoni ta' għasafar imwielda u mrobbija fil-magħluq imqiegħda legalment fis-suq fi Stati Membri oħra)

(2009/C 267/29)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u R. Troosters, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: T. Materne, aġent, G. Van Calster, avocat)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 28 KE — Protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi — Projbizzjoni taż-żamma ta' ċerti għasafar imqiegħda legalment fis-suq fi Stati Membri oħra

## Dispożittiv

- 1) Ir-Renju tal-Belġju,
  - billi jissuġġetta l-importazzjoni, iż-żamma u l-bejgħ ta' għasafar imwielda u mrobbija fil-magħluq, li tqiegħdu legalment fis-suq fi Stati Membri oħra, għal kundizzjonijiet restrittivi li jobbligaw lill-operaturi tas-suq ikkonċernati li jibdu l-immarkar tal-kampjuni b'tali mod li jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa spesifikament mil-leġiżlazzjoni Belġana u billi ma jaċċettax l-immarkar ta' kampjuni aċċettat fi Stati Membri oħra u lanqas iċ-ċertifikati maħruġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċi fihom, u
  - billi jċaħħad lill-kummerċjanti mill-possibbiltà li jiksbu derogi mill-projbizzjoni li jżommu għasafar indiġeni Ewropej imqiegħda legalment fis-suq fi Stati Membri oħra,
- naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 28 KE.
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 128, 24.05.2008

(1) ĠU C 128, 24.05.2008